**13 ta' November, 1991**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Raymond Sultana

*versus*

Walter Camilleri *noe*

**Assikurazzjoni – Illeġittimità ta' Persuna – Amalgamazzjoni ta' Soċjetajiet Kummerċjali – Assunzjoni ta' Drittijiet u Responsabilitajiet in Konsegwenza ta' Amalgamazzjoni – Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni.**

*L-Attur ottjena sentenza f'kawża oħra għal danni sofferti f'inċident awtomobilistiku kontra konvenut persuna assikurata ma' soċjetà kummerċjali assikuratriċi li sussegwentement ġiet amalgamata ma' u assorbita f'soċjetà kummerċjali assikuratriċi oħra u soċjetà*

*konvenuta f'din il-kawża. L-attur peress illi baqa' ma ħallasx għad-danni fittex lis-soċjetà assikuratriċi illi assorbiet id-ditta assikuratriċi tal-konvenut. L-ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna mħarrka u irriteniet illi s-soċjetà li assorbiet, assumiet l-obbligi tas-soċjetà assikuratriċi tal-persuna u ikkundannata li tagħmel tajjeb għad-danni ta' l-attur u kienet obligata tirrisarċixxi d-danni sofferti mill-attur.*

*IL-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ in kwantu din ċaħdet l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna, iżda irrimettiet l-atti quddiem l-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni tas-smiegħ fuq l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenut.*

Il-Qorti:- Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fl-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ li permezz tagħha, l-attur, wara li ppremetta li b'sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim' Awla, proferita fit-8 ta' Ottubru, 1974 fil-kawża fl-ismijiet "Raymond Sultana vs Lino Borg", l-istess Lino Borg ġie dikjarat responsabbli għad-danni kaġonati b'kolliżżjoni u kkundannatu jħallas lill-attur is-somma ta' mija u erbgħa u tletin lira u għaxar ċenteżmi (Lm134.10c) bħala danni u l-ispejjeż tal-kawża, oltre l-imgħax tal-5 fil-mija fuq is-sorte likwidat, u dan b'effett mill-5 ta' Ġunju 1973 sal-pagament effettivi; illi l-istess Lino Borg kien kopert b'polza ta' sigurtà mid-ditta konvenuta, u dakinhar tal-kollizzjoni l-imsemmija polza kienet tkopri lill-karozza ta' l-imsemmi Lino Borg; illi l-attur fl-10 ta' Ottubru, 1973, kien debitament avża lill-istess ditta assikuratriċi b'att ġudizzjarju skond il-liġi li hu kien qed jipproċedi kontra l-istess Borg għall-ħlas ta' danni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili; illi l-imsemmi Borg kellu mezz li jirreklama r-risarċiment tad-danni mid-ditta konvenuta a tenur tal-polza, mentri baqa' inadempjenti; illi l-assikurat Borg baqa' ma ħallasx id-danni, spejjeż u imgħax fuq imsemmija, nonostante diversi interpellazzjonijiet; illi fl-inadempjenza tad-debitur id-ditta konvenuta bħala assikuratriċi għall-persuna

danneġġjata hija responsabbli għall-ħlas tad-danni, inklużi l-ispejjeż u imgħax fuq is-somma likwidata; u peress li, nonostante li l-konvenut nomine ġie avviċinat biex jillikwida l-ħlas hekk dovut lill-attur, u saħansitra saret ittra uffiċjali fit-12 ta' Frar, 1975, il-konvenut nomine baqa' inadempjenti; talab illi l-konvenut nomine jiġi kkundannat minn din il-Qorti jħallas lill-attur *is-somma ta' mija u sitta u tmenin lira, sitt ċenteżmi u* ħames milleżmi, in kwantu għal Lm134.10c bħala danni kawżati mill-imsemmi Borg, in kwantu għal Lm51.96c5 bħala spejjeż ġudizzjarji relativi, oltre somma oħra li tiġi likwidata mill-Qorti għall-ispejjeż sofferti mill-attur biex jottjieni l-pagament ta' l-ammont lilu dovut skond is-sentenza fuq ċitata, kif ukoll l-imgħaxijiet kollha relativi a tenur ta' l-imsemmija sentenza. Bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-18 ta' Ottubru, 1973 u tat-12 ta' Frar, 1975, kontra l-konvenut nomine;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine, li biha qal illi l-eċċipjent bħala direttur ta' Walter Camilleri (Successors) Limited għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, għaliex l-attur (lapsus għal Lino Borg) kien assikurat fil-15 ta' Diċembru 1972 mal-*Car and General Insurance Corporation Ltd.* rappreżentata lokalment mid-ditta Michael Attard tal-Blata-il-Bajda, li llum jirrappreżenta, minħabba l-amalgamazzjoni li saret bejn ir-*Royal Exchange Assurance Company Ltd* u l-*Car & General Assurance Company Ltd.* fost oħrajn, lill-istess *Royal Exchange Assurance Co. Ltd.* ukoll. Dan il-fatt jafu l-attur li dejjem ikkomunika mad-Ditta Michael Attard, kif jirriżulta mill-atti tal-proċess imsemmi fiċ-ċitazzjoni u għalhekk, jekk għandu xi dritt x'jivvanta jrid jivvantah fil-konfront ta' din id-ditta, li tirrappreżenta wkoll lir-*Royal Exchange Assurance Company Ltd.* lokalment;

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Mejju, 1977 (fol.13 tal-proċess) li biha ordnat li jiġi allegat il-proċess tal-kawża "Raymond Sultana vs Lino Borg", deċiża mill-Prim' Awla tal-qorti ċivili fit-8 ta' Ottubru, 1974;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fl-ismijiet premessi fid-19 ta' Mejju 1989 li biha ddeċidiet il-kawża billi fl-ewwel lok ċaħdet l-eċċezzjonijiet ta' l-illeġittimità tal-persuna sollevata mill-konvenut nomine u fit-tieni lok billi laqgħet it-talba ta' l-attur u kkundannat lill-konvenut nomine jħallas lill-attur is-somma ta' Lm186.6c5m bl-imgħax mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni u bl-ispejjeż tal-proċediment u dan wara li rat u kkunsidrat:

Illi huwa spedjenti li l-Qorti tgħaddi biex teżamina fl-ewwel lok l-eċċezzjoni tal-konvenut nomine, sew għaliex hija waħda ta' natura dirimenti, u kemm għaliex tirrigwarda l-illeġittimità tal-persuna tal-konvenut u bħala tali għandha tiġi deċiża b'kap separat qabel, jew flimkien mas-sentenza fil-mertu, skond l-artikolu 730 ta' l-istess Kodiċi, li jipprovdi hekk:

"L-eċċezzjoni dwar l-illeġittimità ta' l-attur jew tal-konvenut tista' tingħata, meta l-wieħed jew l-ieħor huwa inkapaċi skond il-liġi biex joqgħod f'kawża, inkella biex iħarrek jew jiġi mħarrek fl-isem jew fl-interess ta' ħaddieħor, mingħajr ma jkun awtorizzat għaldaqshekk";

*Omissis;*

Illi l-fatti li taw lok għal din il-kawża huma fil-qosor dawn; fil-15 ta' Diċembru, 1972, l-attur kien involut f'kolliżżjoni bil-

karozza tiegħu (allura numru tar-reġistrazzjoni 68300) ma' van (allura numru tar-reġistrazzjoni 38165) misjuq minn Lino Borg, f'The Strand kantuniera ma' Reid Street, il-Gżira. Kif jidher mir-*"Road Accident Report"* (fol.11 tal-proċess), Lino Borg kien assikurat mal-*Caledonian Insurance Company Ltd.*, li kienet rappreżentata minn Michael Attard u Walter Camilleri bħala diretturi ta' l-istess soċjetà. L-attur għamel kawża kontra l-imsemmi Borg fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili għar-risarċiment tad-danni li sofra f'dik il-kolliżżjoni, liema kawża spiċċat b'eżitu favorevoli għall-attur b'sentenza tat-8 ta' Ottubru, 1974. Meta fetaħ il-kawża, l-attur informa biha lil Walter Camilleri għal *Caledonian Insurance Co.*, permezz ta' ittra uffiċjali fit-18 ta' Ottubru, 1973, sabiex dan jirregola ruħu a tenur tal-liġi in materja. Billi Lino Borg baqa' ma ħallasx lill-attur il-kumpens kanonizzat favur l-attur bis-sentenza msemmija, l-attur illum qed jitlob bil-preżenti istanza dan il-kumpens mingħand is-soċjetà konvenuta;

Illi hawnhekk għandu jiġi rilevat li l-kumpanija *Caledonian Insurance* amalgamat flimkien ma' kumpaniji oħra fl-istess ġeneru ta' negozju mas-soċjetà konvenuta, il-*Guardian Royal Exchange Assurance Limited*. Għalhekk, wara s-sentenza hawn fuq imsemmija l-attur kiteb, fis-26 ta' Ottubru, 1974, lis-soċjetà konvenuta f'din il-kawża "c/o Michael Attard, Blata-l-Bajda", biex jinfurmaha bl-eżitu tal-kawża u interpellaha tħallas il-kumpens għad-danni li huwa kien ġarrab fil-kolliżżjoni msemmija ħtija ta' Lino Borg, kif hawn fuq indikat;

*Omissis;*

Illi għab-bażi ta' dawn il-fatti, il-Qorti għamlet dawn ir-riflessjonijiet:

(1) illi l-Polza ta' Assikurazzjoni li kellu Lino Borg baqgħet ma nġibitx mill-ebda wieħed mill-partijiet, għalkemm ċertament kien aktar faċli għall-konvenut li jipproduċiha. Mill-provi proċesswali jidher li huwa kien assikurat mal-*Caledonian Insurance Company Ltd.*, li sussegwentement ġiet amalgamata ma', u assorbita fil-*Guardian Royal Exchange Assurance Limited*:

(2) illi fit-termini ta' l-artikolu 167 ta' l-Ordinanza ta' l-1962 dwar is-Soċjetajiet Kummerċjali, is-soċjetà konvenuta (ċjoè s-soċjetà imsemmija l-aħħar fil-paragrafu preċedenti) daħlet fid-drittijiet u fir-responsabilitajiet kollha tas-soċjetà l-oħra, *Caledonian Insurance Company Ltd.*, li waqfet milli teżisti u ġiet assorbita fis-soċjetà konvenuta msemmija;

(3) illi l-pretensjoni ta' l-attur f'din l-azzjoni hija diretta kontra s-soċjetà *Guardian Royal Exchange Assurance Limited* u mhux kontra s-soċjetà *Walter Camilleri (Successors) Limited*, illum *Walter Camilleri Limited*;

(4) illi fi kliem l-istess konvenut id-ditta tiegħu tirrappreżenta lokalment lis-soċjetà konvenuta, u qabel lill-kumpanija *Caledonian Insurance Company Ltd*.

*Omissis;*

Issa l-Qorti diġà rriteniet hawn fuq li Lino Borg fiż-żmien rilevanti għall-inċident stradali msemmi kien assikurat mal-kumpanija *Caledonian Insurance Company Ltd.*, li sussegwentement ġiet amalgamata mis-soċjetà konvenuta f'din il-kawża, u liema soċjetà konvenuta llum hija responsabbli li

tagħmel tajjeb għad-debiti tal-*Caledonian Company.* Ma nġiebet ebda prova, u del resto lanqas huwa pretiż fl-istess nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine, li l-polza li kellu Lino Borg kienet eskluża mill-effetti ta' l-artikolu 10 hawn fuq isemmi (l-artikolu 10 (1) ta' l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' vetturi tal-muturi għar-riskji ta' Terzi Persuni), u l-fatt li dan ikkanċellaha ma taffettwax id-drittijiet li l-attur odjern għandu kontra l-kumpanija assikuratriċi, kif jidher ċar mil-lokuzzjoni tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 10 hawn fuq imsemmi. Għalhekk, il-konvenut nomine huwa tenut li jħallas l-ammont tad-danni fis-somma ta' Lm134.10c, flimkien ma' l-ispejjeż tal-kawża li skond it-taxxa eżebita mill-attur jammontaw għal Lm51.96c5 (f'liema spejjeż hemm inklużi dawk li l-attur kellu jħallas lill-kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lil Lino Borg fil-kawża quddiem il-Qorti Ċivili, hawn fuq imsemmija);

Rat in-nota ta' l-appell ta' Walter Camilleri nomine ppreżentata fil-25 ta' Mejju 1989;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' Walter Camilleri nomine ppreżentata fit-13 ta' Ġunju, 1989, li biha talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Rat ir-risposta ta' l-attur appellat;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi minn eżami ta' dak li ġie sottomess mill-appellanti fil-petizzjoni tiegħu jidher li dan issolleva żewġ aggravji dwar is-sentenza appellata;

Fl-ewwel lok huwa jissottometti li Lino Borg meta ġiet ippreżentata ċ-ċitazzjoni, kien assikurat mal-"*Car & General Insurance Coporation Limited* rappreżentata lokalment minn *Michael Attard Limited*. Din is-soċjetà nonostante l-amalgamazzjoni sussegwenti li saret bejn ir-*Royal Exchange Insurance Company* u l-*Car & General Corporation* fost oħrajn, taħt l-isem ta' *Guardian Royal Exchange Assurance Company*, kienet baqgħet tittratta l-claims, toħroġ *policies* u tinnegozja f'assikurazzjoni indipendentement mis-soċjetà "*Walter Camilleri (Successors) Ltd.*" u l-aġenti lokali l-oħra tal-*Guardian Royal Exchange*. Kien għalhekk li huwa sostna li kien messha ġiet imħarrka s-soċjetà *Michael Attard Ltd.* bħala aġent assikuratriċi li magħha kien assikurat Lino Borg u li hu kellu jiġi liberat mill-osservanza tal- ġudizzju;

Ikkunsidrat:

Illi kull ma għamel l-appellant fis-sottomissjonijiet huwa pjù o meno jirrepeti dak lil hemm fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu. In fatti n-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut tikkontjeni eċċezzjoni unika u ċjoè li bejnu u l-attur ma kien hemm ebda relazzjoni ġuridika billi Lino Borg fil-mument ta' l-inċident, jiġifieri fil-15 ta' Diċembru 1972 kien assikurat mal-*Car & General Insurance Corporation Ltd.* rappreżentata mid-ditta "Michael Attard" u għalhekk din kienet id-ditta li l-attur kellu jħarrek;

*Omissis;*

Mill-provi prodotti għalhekk jidher li l-*Caledonian Insurance Company Ltd.* li magħha kien assikurat Lino Borg ġiet amalgamata u assorbita fil-*Guardian Royal Exchange Assurance Ltd.* Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti din ta' l-aħħar meta assorbiet lil *Caledonian Insurance Co. Ltd.* daħlet fid-drittijiet u obbligazzjonijiet kollha tagħha. Mix-xiehda tal-konvenut Walter Camilleri stess jirriżulta li s-soċjetà "*Walter Camilleri (Successors) Ltd.*" għandha r-rappreżentanza tal-*Guardian Exchange Assurance Co. Ltd.* Għalhekk hija din il-vera konvenuta billi assorbiet ġo fiha l-*Caledonian Insurance Company Ltd.* li magħha kien assikurat Lino Borg;

Għandu jingħad li l-polza ta' assikurazzjoni ta' Lino Borg qatt ma ġiet eżebita fil-proċess. Skond ix-xhieda ta' Peter Cassar Parnis fil-kawża Raymond Sultana vs Lino Borg, deċiża finalment fit-8 ta' Ottubru 1974, l-istess Lino Borg kien assikurat "*third party full*". Id-danni li l-istess Borg sofra fil-kollizzjoni in kwistjoni kienu kollha materjali konsistenti fi ħsara fil-karozza tiegħu. F'dan il-każ ma kienx hemm danni derivanti minn "*personal injuries*". Minħabba dak li ntqal aktar 'il fuq għalhekk jidher li l-attur ħarrek tajjeb u kwindi l-eċċezzjoni tiegħu ma tistax tiġi milqugħa;

Ikkunsidrat:

Illi fit-tieni lok l-appellant qiegħed jissottometti li l-liġi ċitata u applikata mill-ewwel Qorti fil-każ odjern ittieħdet kompletament barra mill-kuntest ġuridiku tagħha u ġiet estiża erronjament għall-kamp li l-istess liġi mhix iddesinjata tkopri.

Għalhekk l-ewwel Qorti ġiet li għamlet applikazzjoni manifestament żbaljata tal-liġi;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel Qorti ma sabet ebda eċċezzjoni oħra quddiemha fuq il-mertu u dehrilha li għandha tapplika d-dispost ta' l-artikoli 4 u 10 ta' l-Ordinanza dwar l-assigurazzjoni ta' vetturi tal-mutur għar-riskji ta' terzi u għalhekk waslet għall-konklużjoni li l-konvenut nomine għandu jiġi tenut iħallas l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm186.06c5m flimkien ma' l-ispejjeż tal-kawża "Raymond Sultanta vs Lino Borg" deċiża fit-8 ta' Ottubru, 1974;

Illi apparti dan kollu, fil-fehma tal-Qorti, l-ewwel Onorabbli Qorti wara li kienet iddeċidit l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut nomine, kien messha waqfet hemm u ddifferiet il-kawża għall-kontinwazzjoni fuq il-mertu jew inkella fuq xi eċċezzjonijiet oħra ta' natura preliminari li l-konvenut nomine seta' kellu u mhux tiddeċidi l-mertu tal-kawża wkoll u fuq punti sollevati minnha stess. In fatti fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu, il-konvenut nomine rriżerva li jressaq eċċezzjonijiet oħra jekk ikun il-każ. Għalhekk jidher li hu xieraq f'dan il-każ, li l-kawża terġa' tintbagħat lura lill-ewwel Onorabbli Qorti għal dan l-iskop billi jidher ċar li l-kawża f'dak l-istadju kienet ġiet dibattuta biss fuq dak il-punt li ġie deċiż tajjeb mill-istess Qorti;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħda tiddisponi mill-appell tal-konvenut nomine billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata tad-19 ta' Mejju, 1989, f'dik il-parti biss fejn hija ċaħdet l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna, sollevata mill-konvenut

nomine, tirrevoka l-istess sentenza fil-kumplament u tordna li l-atti ta' din il-kawża jerġgħu jintbagħtu lura *mill*-ewwel Onorabbli Qorti tal-Kummerċ għall-kontinwazzjoni dwar l-eċċezzjonijiet l-oħra li l-konvenut *nomine* appellant talvolta jissolleva u għad-deċiżjoni eventwali skond il-liġi;

L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jiġu sopportati mill-konvenut nomine appellant.